Aspetti tal-Festa Tagħna Nru. 9

# Ir-Rotta tal-Purċissjoni min imexxiha u jieħu sehem fiha



**Winston L. Zammit** B.A. (Hons.) M.A., P.G.C.E.

Ir-rotta tal-purċissjoni tal-festa titulari fl-ewwel snin tagħha ma kinitx kif inhi llum. Meta fl-1911 ingħata l-permess biex issir il-purċissjoni għall-ewwel darba, ir-rotta stabbilita mill-Kurja kienet hekk: Triq San Trofimu, Triq Santa Marija, Triq Rudolfu u Triq San Trofimu.[1] Iżda qabel ma saret il-purċissjoni, bil-permess mill-Kurja nbidlet ir-rotta u saret hekk: San Trofimu, San Ġwann il-Battista, il-Karmnu, San Piju V, San Trofimu.[2]

Iżda jidher li sa l-1919 din ir-rotta kienet diġà nbidlet. Dan joħroġ mill-fatt li fit-2 ta' Ġunju 1919, f'isem ir-residenti ta' Triq Prince of Wales, l-Avukat Ġużè Mizzi ppreżenta rikors lill-Logotenent Gvernatur, biex il-purċissjonijiet li joħorġu mill-parroċċa l-ġdida tal-Madonna tas-Sacro Cuor, flok jitilgħu minn Triq San Ġużepp jibqgħu neżlin minn Triq San Duminku. Il-Pulizija min-naħa tagħha ma sabet l-ebda diffikultà għal din il-bidla żgħira, u permezz ta' ittra bid-data tal-11 ta' Ġunju 1919, l-Avukat Giuseppe Mizzi ġie infurmat li din it-talba ġiet milqugħa.[3]

B'hekk jidher li ġiet aktarx stabbilita r-rotta ta' llum, jiġifieri t-toroq San Trofimu, Rudolfu, Manwel Dimech (qabel Prince of Wales), San Duminku u Triq San Trofimu. Jidher li din ir-rotta baqgħet tiġi dejjem segwita minbarra darbtejn. Fl-1943, minħabba l-invażjoni ta' Sqallija, il-purċissjoni għaddiet minn rotta differenti.[4] Fl-1977 fl-okkażjoni taċ-Ċentenarju tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja, il-purċissjoni minn Triq Manwel Dimech, daret għal Triq Santa Marija, kisret għal Triq Sant'Agata u niżlet għax-xatt minn Triq Marina. Il-purċissjoni għaddiet mix-xatt kisret ma' l-istabbiliment *Square Deal* u bdiet tiela' Triq Manwel Dimech, iżda minflok kisret minn Triq San Duminku baqgħet tiela' 'l fuq u kisret minn Triq San Ġużepp, minn fejn daħlet għal Triq Trofimu.[5]

## Min imexxiha

Qabel ma twaqqfet il-Provinċja Maltija tal-Patrijiet Minuri fl-1914, il-purċissjoni kienet titmexxa mill-Kustodju Provinċjal. Wara t-twaqqif tal-provinċja fl-1914, il-purċissjoni bdiet titmexxa mill-Provinċjal, iżda ġieli tmexxiet minn ħaddieħor. Tliet darbiet tmexxiet minn Isqof, fl-1915 minn Mons. Aurelio Bricent Delegat Appostoliku f'Lixandra għall-Orjentali,[6] fl-1952 minn Mons. Pacifico Perantoni Isqof ta' Gerace fil-Kalabrija u fl-1998 minn Mons. Isqof Silvestru Magro OFM Vigarju Appostoliku f'Benghazi. Fl-1972 din il-purċissjoni tmexxiet minn Patri Eugenju Cuskelly MSC, Ġeneral tal-Patrijiet Missjunarji tal-Qalb ta' Ġesù.[8] Ġieli tmexxiet mill-Vigarju Provinċjal[9] jew minn xi saċerdot novell.[10]

## Min jieħu sehem fiha

Fil-purċissjoni dejjem jieħdu sehem il-Patrijiet Franġiskani Minuri. Sa mill-bidu tas-snin sebgħin kien hemm dik li tissejjaħ konvenjenza bejn il-kunventi, jiġifieri li jiġu xi patrijiet mill-kunventi l-oħra tal-provinċja għall-purċissjoni. Fil-purċissjoni ta' l-1968, meta saret it-tifkira tal-50 Anniversarju tat-twaqqif tal-parroċċa, kienu ħadu sehem numru kbir ta' patrijiet mill-provinċja kollha.

Għal diversi snin f'din il-purċissjoni wieħed kien jara numru ta' Terzjarji Franġiskani jieħdu sehem fiha.[11] Il-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament għadha wkoll tieħu sehem fiha bl-istandard tal-Vjatku u tal-Fratellanza li żżanżan fl-1936.[12] Fl-ewwel għaxar snin tal-purċissjoni (1911-1921) insibu li fl-1911, 1912 ħadet sehem fiha wkoll il-Fratellanza tas-Ssmu Kurċifiss mwaqqfa fil-knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù l-Belt.[13] Fl-1911, fl-1912 u fl-1920 bil-kant it-tfal tas-Sależjani, ħadu sehem bil-kant l-istudenti tal-Frères.[14]

Fl-1971 bdiet tieħu sehem fil-purċissjoni l-Fratellanza tal-Madonna tas-Sacro Cuor, li reġgħet twaqqfet mill-ġdid. Sas-snin 90, kienu jieħdu sehem numru ta' fratelli, iżda llum toħroġ biss il-bandalora. Mill-1983, bdew jieħdu ħsieb jidderieġu l-purċissjoni l-*ushers* tal-parroċċa u mas-snin 70, daħlet id-drawwa li banda timxi wara l-vara bid-daqq ta' innijiet.

1 *A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili) Suppliche 1911*, Vol. 2, No. 158.
2 M. Catania, *Is-Sacro Cuor, Sliema* (Malta 1965), p.70.
3 *A(rkivju) N(azzjonali) M(alta) Petitions*, 1919, No.1491.
4 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
5 Ibid.
6 *Malta Tagħna* 26.VI.1915
7 Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
8 Ibid.
9 Hekk ġara fl-1916 (*Ma' l-Anġlu tal-Paċi*, Awissu 1916 p.255) Fl-1991, u fl-1993 il-purċissjoni tmexxiet mill-Vigarju Provinċjal Patri Ġorġ Aquilina OFM MED, filwaqt li fl-1997 tmexxiet mill-Vigarju Provinċjal Patri Paul Galea OFM.
10 Fl-1969 il-purċissjoni tmexxiet minn Patri Ewġenju Fenech OFM u fl-1986 tmexxiet minn Patri Marcello Ghirlando OFM.
11 *Malta e Sue Dipendenza*, 4.VII.1911 fejn jingħad li t-Terzjarji ħadu sehem b'mod numeruż.
12 *L-Anġlu tal-Paċi* Awissu 1936, p.453.
13 *Malta e Sue Dipendenze*, 4.VII.1911, 26.VI.1912.
14 *Malta e Sue Dipendenze*, 4.VII.1911, 26.VI.1912, *The Malta Herald*, 30.VI.1912.